MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Numru 10/2000

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**vs**

**Emanuel sive Leli Camilleri**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta’ Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fis-6 ta’ April 2000 kontra Emanuel sive Leli Camilleri li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah, recidiv f’delitt, talli (1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina kontra l-ligi; (2) biegh jew xort’ohra ttraffika d-droga kokaina kontra l-ligi; (3) dolozament b’sustanza esplossiva ghamel

esplozjoni li tista' tqieghed f'perikolu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor; (4) dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; (5) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuni ohra, liema offiza volontarja fuq il-persuna hija ta' natura gravi peress li gabet marda tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien zammet lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-17 ta' Jannar 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lill-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri hati ta' l-akkuza taht l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza, bi tmien voti (8) favur u wiehed (1) kontra sabuh hati ta' l-akkuza taht it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza, b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabuh hati ta' l-akkuza taht it-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza, b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabuh hati ta' l-akkuza taht ir-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuza u b'sitt (6) voti favur u tliet (3) voti kontra sabuh mhux hati ta' l-akkuza taht il-Hames Kap ta' l-Att ta' Akkuza, u wara li rat il-verdett ulterjuri tal-gurati li bih unanimament iddikjaraw lill-istess Emanuel sive Leli Camilleri hati ta' l-addebitu tar-recidiva fir-rigward ta' l-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Kapi ta' l-Att ta' Akkuza, iddecidiet kif gej:

"Tiddikjara lil Emanuel sive Leli Camilleri, recidiv, hati talli bejn l-ewwel (1) ta' Mejju, elf disa mija w erbgha w disghin (1994) u l-hmistax (15) ta' Gunju tal-elf disa' mija w tmienja w disghin (1998) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita` moghtija mill-

President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja jipprokura l-istess droga, b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

"Tiddikjara wkoll lil Emanuel sive Leli Camilleri, recidiv, hati talli bejn l-ewwel (1) ta' Mejju tal-elf disa' mija w erbgha w disghin (1994) u l-hmistax (15) ta' Gunju, tal-elf disa' mija w tmienja w disghin (1998) biegh jew xort'ohra ttraffika fid-droga kokajina specifikata fir-Raba' Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja jipprokura l-istess droga; b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

"Tiddikjara wkoll lil Emanuel sive Leli Camilleri, recidiv, hati talli fit-tlieta w ghoxrin (23) ta' Mejju tal-elf disa' mija w erbgha w disghin (1994) fi Triq Santa Domenica, Zabbar, dolozament, b'sustanza esplossiva, ghamel espluzzjoni li tista' tqieghed f'periklu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

"Tiddikjara wkoll lil Emanuel sive Leli Camilleri, recidiv, hati ta' tentattiv t'omicidju volontarju w cioe` talli fil-lejl tat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Mejju, tal-elf disa' mija w erba' w disghin (1994) fi Triq Santa Domenica, Zabbar, ghall-habta tas-siegha w nofs (1.30 a.m.) ta' bil-lejl , dolozament bil-hsieb li joqtol jew ipoggi f'periklu car il-hajja ta' Michael Cassar u l-familjari tieghu, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu, u dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza;

"Tiddikjara wkoll lil Emanuel sive Leli Camilleri mhux hati tal-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza w minnha tilliberah";

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(bb) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939), u l-artikoli 311, 312(3), 211, 41(1)(a), 17(b), 18, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-appellant Emanuel sive Leli Camilleri ghall-piena ta' hamsa u tletin (35) sena prigunerija li minnu jrid jintaqqas kull perijodu li huwa ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan il-kaz, u ghall-hlas ta' multa ta' hamsin elf lira Maltin (Lm50,000) li, jekk ma tithallasx fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, tigi konvertita fi tmintax-il xahar prigunerija; gie kkundannat ukoll li jhallas is-somma ta' mija u disa' liri Maltin (Lm109) spejjez peritali nkorsi tul il-process. L-ewwel Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u li jinsabu esebiti, kif ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ta' l-appellant. Finalment, l-ewwel Qorti ordnat, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota li ghandha tigi pprezentata fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, li din id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura ta' l-Ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' dik il-

Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni u jgibu a konjizzjoni tal-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-appellant;

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena, wara li rat il-fedina penali ta’ l-appellant li dwarha l-partijiet qablu li ma nbidlitx mis-7 ta’ Awissu 1988 sad-data tas-sentenza appellata, u wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Qieset is-sottomissjonijiet kollha tad-difiza li jinsabu registrati w senjatament, izda mhux biss, is-segwenti u cioe` li ghar-rigward tal-Ewwel u t-Tieni Kap il-verdett tal-gurati ma kienx wiehed unanimu izda ta’ seba’ (7) voti kontra tnejn (2) u tmien (8) voti kontra wiehed (1) rispettivament;

“Li l-fedina penali tal-hati ma kinitx wahda refrattarja w li ma kienx instab ebda taghmir ta’ kull xorta ghand il-hati u li ghalhekk il-piena ghal dawn iz-zewg kapi kellha tkun in linea mad-decizjonijiet tal-Qrati fuq din il-materja;

“Illi bejn it-Tielet u r-Raba’ Kap kien hemm in-ness ta’ mezz ghal fini b’dana li r-reat taht it-Tielet Kap serva biex seta’ jsir ir-reat taht ir-Raba’ Kap;

“Li ma kienx il-kaz li din il-Qorti tapplika z-zieda diskrezzjonali fil-piena minhabba l-addebitu tar-recidiva peress li kull ma kellu l-hati fil-fedina penali tieghu kienet kundanna ta’ pussess ta’ erbatax-il bullet ta’ valur ta’ Lm1.40c., liema pussess kien minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija w li ma tax avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija ta’ tali pussess u reat iehor ta’ sewqan ta’ vettura minghajr ma kienet licenzjata biex tintuza fit-triq;

“Fl-ahharnett id-difiza talbet il-klemenza tal-Qorti.

“Qieset is-sottomissjonijiet kollha tal-Prosekuzzjoni li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti:-

“Li fuq erba’ Kapi l-akkuzat kien instab hati ta’ l-addebitu tar-recidiva w ghalhekk ma kienx hemm raguni ghala z-zieda fil-piena diskrezzjonali ma kellhiex tkun applikabbli; illi ghall-ewwel zewg reati l-ligi kienet tikkontempla l-piena massima ta’ ghomor il-habs; illi l-hati kien traffikant sostanzjali w kien qed jaghmel hsara kbira lis-socjeta` Maltija; li l-iskop li ghalih saret il-bomba kien li l-hati jattakka l-qalb ta’ dawk il-persuni li fis-socjeta` kienu qed jiggieldu kontra l-fenominu tad-droga w ghalhekk f’dan il-kaz ir-reat ta’ tentattiv ta’ omicidju kien ta’ gravita` estrema; li l-Qorti kellha tqis l-isfond generali tal-kaz u riedet taghti messagg lis-socjeta` li min jattakka l-gheruq taghha ghandu jigi kkastigat bl-aktar mod iebes u kellha ghalhekk taghti ezempju kbir f’dan il-kaz.

“Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni w id-difiza qablu li bejn ir-reati taht it-Tielet u r-Raba’ Kap tal-Att tal-Akkuza hemm il-konkors formali ta’ reati w li allura l-piena ghar-reat minuri taht it-Tielet Kap ghandha tigi assorbita f’dik tar-reat magguri taht ir-Raba’ Kap”;

**5.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Emanuel sive Leli Camilleri pprezentat fis-7 ta’ Frar 2005 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha fil-parti tal-verdett fejn b’sitt voti favur u bi tliet voti kontra l-gurija sabitu mhux hati ta’ l-akkuza taht il-Hames Kap, u fejn gie ddikjarat mill-ewwel Qorti mhux hati tal-Hames Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza u minnha lliberat; (2) tikkonfermaha fil-parti tal-verdett u d-dikjarazzjoni ta’ htija dwar it-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza (riferibbilment ghat-traffikar ta’ kokaina); (3) thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-verdett u tad-dikjarazzjoni ta’ sejbien ta’ htija taht l-Ewwel, it-Tielet u r-Raba’ Kapi ta’ l-Att ta’ Akkuza kif ukoll dwar l-addebitu tar-recidiva, u tordna li jigu registrati sentenza u verdett ta’ liberazzjoni; jew (4) alternattivament u minghajr pregudizzju, tiddisponi mill-appell ai termini ta’ l-artikolu 502 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; jew (5) alternattivament u minghajr pregudizzju, tikkunsidra temperament fis-sentenza moghtija ghal dak li jirrigwarda l-piena billi tigi imposta piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta' l-appellant huma essenzjalment (1) li hu nstab hati hazin fuq il-fatti tal-kawza in kwantu jirrigwarda l-Ewwel Kap, it-Tielet Kap u r-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuza, u (2) li, minghajr pregudizzju, il-piena kienet wahda eccessiva. Kwantu ghall-ewwel aggravju, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-gurati setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha[1]. In ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, din il-Qorti ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet tax-xiehda li nghatat waqt il-guri[2], ix-xiehda tax-xhieda l-ohra li xehdu fil-guri u li tinsab traskritta fl-atti tal-kumpilazzjoni, kif ukoll ezaminat id-dokumenti esibiti u l-atti l-ohra tal-kumpilazzjoni (inkluzi l-atti ta' l-Inkjesti), u kkunsidrat is-sottomissjonijiet li saru waqt it-trattazzjoni ta' l-appell quddiemha.

**7.** L-Ewwel Kap jirrigwarda t-traffikar tad-droga eroina. L-appellant jammetti li kien jittraffika l-kokaina izda mhux ukoll l-eroina. Ix-xhieda principali mressqa mill-

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **The Republic of Malta v. Steven John LewisMarsden**, 2 ta' Novembru 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Giosue` Gauci**, 28 ta' Dicembru 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nader Abdulaziz Elgerian et**, 28 ta' Dicembru 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Id-difiza talbet biss li tigi traskritta x-xiehda ta' John Charles Ellul, Charles Steven Muscat, Sandro Mifsud, Paul Spagnol u l-appellant. Il-prosekuzzjoni ma talbet ta' hadd.

prosekuzzjoni fir-rigward ta’ l-Ewwel Kap kienu Sandro Mifsud maghruf bhala “Id-Dudu” u Marco Abdilla maghruf bhala “It-Tinnu”.

**8.** Sandro Mifsud kien semma’ lill-appellant meta xehed fil-kawza tieghu stess (cioe` fil-kawza ta’ Mifsud stess), izda waqt il-guri nnega li kien l-appellant li kien ibieghlu u jghid li kienet persuna ohra. L-appellant jghid illi fil-proceduri kriminali l-evidenza trid tkun *“safe and satisfactory”*. Isaqsi kemm jista’ wiehed joqghod fuq ix-xiehda ta’ Sandro Mifsud. Jghid li meta xehed Sandro Mifsud, ta hjiel dwaru nnifsu u l-ewwel Qorti accettat li tigi prodotta l-fedina penali ta’ dan Sandro Mifsud. Irrizulta li Sandro Mifsud kien inqabad jisraq qabel ma ghalaq hmistax-il sena, li nstab bid-droga hdax-il darba u li beda jforniha lil terzi biex jakkwista l-flus. Ikkommetta delitti ohra u wehel il-habs hames darbiet. Skond l-appellant, Sandro Mifsud mhuwiex bniedem li tista’ torbot fuqu, ma jistax jitqies bhala persuna affidabbli.

**9.** Issa, meta xehed waqt il-guri l-appellant qal li sema’ b’Sandro Mifsud meta dahal il-habs u ma kienx jaf min hu. Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda li Sandro Mifsud ta fis-16 ta’ Frar 1998[3] fil-proceduri kriminali li kienu ttiehdu kontra tieghu. Semghet ukoll ir-registrazzjoni tat-tape tax-xiehda li ta waqt il-guri ta’ l-appellant. Mix-xiehda li ta fil-kawza tieghu stess jirrizulta illi huwa ma semmiex biss lil certu “Leli l-Bully ta’ l-Imqabba”, izda semma wkoll zewg persuni ohra. Il-fatt li xehed kif xehed fil-kawza tieghu kien ifisser li seta’ x’aktarx jibbenefika minn tnaqqis fil-piena skond l-artikolu 29 tal-Kap. 101. Pero` kien hekk jibbenefika anke kieku semma persuna wahda. Ghalhekk din il-Qorti tistaqsi, u probabilment il-gurati hekk staqsew lilhom infushom, kellu ghalfejn joqghod isemmi tlieta min-nies jekk ma kienx qieghed jghid il-verita`? It-twegiba effettivament tidher li tinsab f’dak li xehed fil-kawza tieghu li: “<u>Jiena nixtieq inrabbi l-ghaqal</u> u nixtieq illi ma jigrili xejn fuq din ix-xiehda minhabba t-tfal u tal-famlja tieghi” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Meta xehed fil-guri ta’ l-appellant ma cahadx li kien jixtri minghand “Leli l-Bully”,

[3] Fol. 34 – 36 ta’ l-atti tal-kumpilazzjoni.

izda qal li kienet persuna differenti mill-appellant (jew, dak il-hin, mill-akkuzat fl-awla waqt il-guri). Dak li huwa interessanti li jigi osservat fir-rigward tax-xiehda ta' Sandro Mifsud hu li ghall-ewwel mistoqsija tal-prosekutur jekk jafx lill-akkuzat, dan ix-xhud wiegeb mill-ewwel "le" minghajr ma kien hares lejn l-akkuzat. Difatti l-Imhallef sedenti staqsa lix-xhud jekk jafx fejn ipoggi l-akkuzat imbaghad qallu biex ihares lejh. Wara li probabilment Sandro Mifsud hares lejn l-akkuzat, qal "Le lilu ma nafux." Imbaghad inqratlu x-xiehda li kien ta fis-16 ta' Frar 1998, u wara qal li "Leli l-Bully li kont irreferejt ghalih mhuwiex l-istess bniedem li qieghed hawnhekk... <u>Lil dan nafu l-habs</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti). Ghaliex, tistaqsi din il-Qorti, Sandro Mifsud ma qalx mill-ewwel illi lill-appellant jafu "biss" il-habs. Mill-gdid dan kollu ma setax jisfuggi lill-gurati. Ipprova jaghti deskrizzjoni tal-persuna li minghandha kien jixtri d-droga u qal li kien jibni, li kien ikun mahmug bit-trab tal-bini. Issa, mill-provi rrizulta li l-appellant kellu barriera fejn jinqata' l-gebel ghall-bini. Punt iehor hu li meta xehed fis-16 ta' Frar 1998 qal li minghand "Leli l-Bully" kien jixtri l-eroina minghandu u xi darbtejn il-kokaina. Anke Marco Abdilla – kif se naraw – qal li kien jixtri kemm eroina kif ukoll kokaina minghand l-appellant. Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellant rigwardanti l-passat ta' Sandro Mifsud, jirrizulta li meta dan Sandro Mifsud xehed l-ewwel darba kien qal li kien ilu tlettax-il sena bil-vizzju tad-droga u spicca jbiegh id-droga "ghall-hobby tieghi". Il-fedina penali tieghu in effetti turi hajja refrattarja sew sa minn meta kien ghadu ta' eta` zghira hafna. Dan ma jfissirx illi ma ghandu jitwemmen qatt u f'xejn. Mhuwiex inverosimili, anzi huwa normali, li persuni bil-vizzju tad-droga jaslu f'certu stadju f'hajjithom fejn jghidu *"enough is enough"* u jsibu motivazzjoni biex ibiddlu hajjithom.

**10.** Ix-xhud l-iehor li l-prosekuzzjoni pproduciet in sostenn ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza kien Marco Abdilla[4] li miet b'kawza naturali qabel ma gie ccelebrat il-guri. Pero`

[4] Marco Abdilla kien ukoll wiehed mix-xhieda principali tal-prosekuzzjoni fir-rigward tat-Tielet Kap u r-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuza u ghalhekk xi konsiderazzjonijiet li sejra taghmel din il-Qorti fir-rigward ta' l-Ewwel Kap jistghu jkunu japplikaw ukoll ghat-Tielet Kap u r-Raba' Kap.

l-i*statement* tieghu (li wkoll wettaq bil-gurament) u x-xiehda li ta nqraw lill-gurati li nghataw kopja kemm ta' l-i*statement* kif ukoll tax-xiehda traskritta. Minnhom jirrizultaw verzjonijet konfliggenti. Fl-istqarrija lill-Pulizija tas-16 ta' Gunju 1998 jghid li s-sitt pakketti eroina li sabu l-Pulizija kien xtrahom il-gurnata ta' qabel, li kien xtara disa' pakketti u kien uza tlieta minnhom, li kellu jaghti Lm30,000 lill-appellant, u li kien jixtri 50 gramma kokaina b'Lm20 il-gramma. Fix-xiehda tieghu tas-16 ta' Gunju 1998 quddiem il-Magistrat Inkwirenti, ikkonferma l-istqarrija tieghu u zied jghid li kull meta jixtri l-kokaina kien jixtri xi hames grammi eroina. Ta numru ta' telecell 097 0111 li qal li kien ta' habiba ta' l-appellant. Skond l-appellant, wara rrizulta li dan in-numru kien registrat fuq isem certa Sue Abela li ma ttellghetx biex tixhed mill-prosekuzzjoni biex forsi jigi stabbilit xi ness bejn dak in-numru u l-appellant. Fl-20 ta' Awissu 1998 Marco Abdilla ttella' biex jixhed fl-Istruttorja u ma ried iwiegeb xejn. Fis-26 ta' Awissu 1998, wara sitt ijiem taht arrest, qal li l-pakketti li kienu sabulu l-Pulizija kien xtrahom minghand wiehed izda mhux minghand l-appellant. Qal li l-i*statement* gie mgieghel biex jaghmlu, kompla jichad li jaf lill-appellant u li meta kien il-habs kien qieghed jitkellem ma' Charlie l-Pips fuqu u dan qallu li ried jaghmel vendikazzjoni lill-appellant. Qal li kien Charlie Muscat (il-Pips) li kien gieghlu jaghmel l-istatement. Meta nstabulu l-pakketti ta' eroina beza' li se jehel il-habs u ghalhekk iddecieda li jsib skuza bl-appellant. Qal li dak li hemm fl-i*statement* hu kollu li qallu Charlie l-Pips hlief dwar l-incident fejn wegga' f'saqajh bi sparatura. Fis-26 ta' April 1999 Marco Abdilla gie riprodott (fl-istruttorja kontra l-appellant odjern), fejn spjega li kien spicca hdejn il-Bank l-Imqabba. Kien ghadu kemm hareg mill-habs tlett ijiem qabel u stqarr li bdew jibaghtulu risposti mis-six [division six] li lest li jaghtih il-flus biex idawwar l-istatement. Skond l-appellant din l-allegazzjoni mhix kredibbli in vista li kien diga` cahad l-i*statement* u xiehda originali guramentata tieghu. Skond l-appellant, Marco Abdilla kien qieghed jaghmel kuntatt mal-familja ta' l-appellant ghaliex kien iddisprat ghall-flus. Mar l-Imqabba fejn iltaqa' ma hu l-appellant li hadu quddiem is-*cctv cameras* tal-Bank biex jigbduh. L-appellant jghid li Marco Abdilla sar jaf li kien gie

*tape recorded* fejn cahad li ghamel xi allegazzjonijiet f'xi *statement* fuq l-appellant; it-*tape* u r-*recording* jiffurmaw parti mill-atti. Dwar ir-*recording*, ikompli l-appellant, Marco Abdilla qal li l-appellant qabbadlu *revolver* ma' rasu. Waqt ir-*recording* kien hemm tnejn min-nies prezenti – Samuel Ritchie li xehed fil-kumpilazzjoni li qatt ma qal li kien hemm xi *revolver*, u Charles Ellul. Fis-smiegh tat-*tape*, isostni l-appellant, ma jirrizultax li Marco Abdilla qaghad lura anzi ha s-sopravvent. Fl-14 ta' Dicembru 1999 fl-Istruttorja Marco Abdilla gie riprodott fejn rtira l-verzjoni fejn qal li lill-appellant ma jafux u kkonferma l-ewwel verzjoni li kien ta f'Gunju 1998. Peress illi Marco Abdilla ma xehedx waqt il-guri, il-gurati ma setghux iqisu l-komportament, il-konsistenza, u l-kredibilita` tieghu, u fatturi ohra. L-appellant jghid li hemm imbaghad fatturi ohrajn li ma gewx investigati u li setghu jitfghu aktar dawl fuq il-kaz. Hekk isemmi li Marco Abdilla qal li hu fallut u li fir-residenza tal-Gzira l-Perit Aquilina kkonstata dokument bl-isem BONA. Imbaghad waqt il-guri giet esebita l-fedina penali ta' Marco Abdilla mnejn tirrizulta hajja refrattarja sa minn meta kien ghadu tifel ta' tlettax-il sena. Ghalhekk, skond l-appellant, ix-xiehda ta' Marco Abdilla ma tistax torbot fuqha lanqas, u l-allegazzjonijiet li ghamel dwar l-appellant iridu jigu kkunsidrati fid-dawl ta' dan ix-xenarju kollu.

**11.** Din il-Qorti ezaminat l-i*statement* li Marco Abdilla ghamel lill-Pulizija kif ukoll id-diversi xihdiet li ta. M'hemmx dubju li Marco Abdilla ta zewg verzjonijiet kontradittorji, u cioe` verzjoni fejn implika lill-appellant u verzjoni ohra fejn ezimieh. Huwa veru li l-gurati ma setghux jisimghuh *viva voce* peress illi kien miet qabel ma sar il-guri ta' l-appellant. Xorta jibqa' l-fatt illi setghu jaghmlu – kif del resto ghamlet din il-Qorti – l-evalwazzjoni taghhom tad-diversi dikjarazzjonijiet li kien ghamel waqt l-investigazzjoni, imbaghad quddiem il-Magistrat Inkwirenti, imbaghad quddiem il-Qorti Istruttorja, u dan fid-dawl tal-provi kollha li ngabu quddiemhom.

**12.** Fl-i*statement* lill-Pulizija tas-16 ta' Gunju 1998[5], Marco Abdilla qal li l-boroz ta' eroina li kienu sabulu l-Pulizija kien xtrahom il-gurnata ta' qabel minghand "certu Leli l-Bully li huwa mill-Imqabba". Kien xtara disa' boroz u hallas Lm50 taghhom. Qal li jaf li dan Leli l-Bully ghandu Pajero[6] ta' kulur blu u li ghandu BMW proprjeta` tieghu pero` jigri biha kugin ta' l-appellant, certu Toni li joqghod l-Imqabba wkoll. Qal li l-appellant ghandu mobile 0970111 li tirrispondieh il-habiba tieghu li ma jafx x'jisimha. Kull darba li jixtri l-kokaina kien jixtri hames grammi eroina minghandu. Qal li kellu dejn ma' Leli l-Bully ta' Lm30,000.

**13.** Dakinhar stess tas-16 ta' Gunju 1998, Marco Abdilla xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti[7] fejn bazikament ta l-istess dettalji li kien hemm fl-i*statement*, salv li per ezempju ppreciza li l-Pajero li kellu l-imsemmi Leli l-Bully kienet blu skur fil-griz. Inoltre kkonferma l-i*statement* li kien ghamel, u qal: "Jiena qed nitkellem peress li naf li qed igib id-droga u qed jeqred liz-zghazagh, lili stess qeridni bid-droga, u barra minn hekk sparali. Nixtieq inbiddel hajti."

**14.** Fl-20 ta' Awissu 1998[8] Marco Abdilla gie prodott mill-prosekuzzjoni biex jixhed quddiem il-Qorti Istruttorja fil-proceduri kontra l-appellant. Mill-bidu beda jghid li ma jridx iwiegeb u jinsisti li ghandu d-dritt ma jixhidx. Gie mistoqsi jekk jafx lill-imputat u wiegeb li le u li qatt ma kien rah qabel. Qal li meta ghamel l-i*statement* kien "ibblokkjat mejjet". Mistoqsi x'jigifieri meta jghid li kien ibblokkjat mejjet u jekk jiftakarx x'saqsewh il-Pulizija, wiegeb: "Ma nafx. Ifhimni jiena mhux il-bicca xoghol tal-Pulizija, il-bicca xoghol hija tieghi. Jiena ma rrid nghid xejn." Wara li mbaghad inqratlu x-xiehda li ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti, il-Qorti Istruttorja, wara li rrilevat "li stante l-isforzi taghha biex dan jixhed u jghid il-verita` dan baqa' inadempjenti u qed jirrifjuta li jixhed f'din il-kawza fil-

[5] Parti minn Dok. AG1 a fol. 31 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.
[6] Mill-atti jirrizulta li fil-fatt l-appellant kellu Pajero numru ACE-222 li giet elevata mill-Pulizija minn quddiem id-dar tieghu.
[7] Parti minn Dok. AG1 a fol. 31 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.
[8] Fol. 140 – 148 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

konfront tal-imputat”, ordnat li jinzamm taht arrest skond il-ligi.[9]

**15.** Marco Abdilla gie riprodott fis-26 ta’ Awissu 1998.[10] Dakinhar cahad li kien xtara l-eroina li nstabitlu minghand l-appellant u qal li kien xtraha “minghand wiehed ... u ma nistax nghid minghand min”. Qal li l-i*statement* kien imgieghel biex jaghmlu. Qal li lill-appellant ma jafux u li meta kien il-habs kien qed jitkellem ma’ certu Charlie l-Pips fuq l-appellant, u dan Charlie l-Pips qallu li ried jaghmillu vendikazzjoni lil Leli biex jitfghu l-habs hdejh. Ma riedx jghid minghand min kien xtara l-eroina li nstabitlu ghax kien qed jibza’ jghid min hu. Mistoqsi kif ta n-numru tal-mobile ta’ Leli l-Bully, qal li Charlie l-Pips kien qallu kollox fuqu. Qal li kien dan Charlie l-Pips li ppressah jaghmel *statement*. Semma d-dettalji li, skond hu, Charlie l-Pips qallu jaghti.[11] Qal li lill-appellant qatt ma kien rah b’ghajnejh. Qal li lil Charlie l-Pips mill-habs jafu u barra qatt. Qal ukoll li minghalih li b’li kien qieghed jaghmel kien qed jghin lil Charlie l-Pips. Meta nizel il-lock-up fl-20 ta’ Awissu kien hemm Charlie l-Pips, rah jidhaq u dan Charlie l-Pips qallu lil Marco Abdilla “Mela ma xehedx ghax bzajt?” U hu wiegbu “Iwa, Charlie. Thank-you.” Skond Marco Abdilla, “Minn hemm bdilt il-verzjoni.” Fuq mistoqsijiet tal-prosekuzzjoni, qal li kien hemm okkazjoni meta mar jitlob l-i*statement* li kien ghamel “ghax Leli qed jitkellem man-nies, ghax haseb li ghamiltlu *statement*.”[12] Qal li lill-prosekutur qallu li kien qed jibza’ ghax qed jigru warajh in-nies “minhabba din ta’ Leli”. Qal li Leli kien mar fuqu u “qalli ghamiltli xi *statement* fuq xi bomba u tajtek xi droga u mhux drogi. Ghidtlu jiena anqas biss qatt ma ltqajt

---

[9] Fol. 24 atti tal-kumpilazzjoni.

[10] Fol. 197 – 258 *ibidem*.

[11] Marco Abdilla pero` jaghti diversi dettalji illi Charles Muscat (“il-Pips”), meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti u mplika lill-appellant, ma jaghtix.

[12] L-A.C. Michael Cassar fix-xiehda tieghu (atti tal-kumpilazzjoni a fol. 51) jghid illi kien iltaqa’ mieghu Marco Abdilla l-Qorti u qallu li Camilleri (l-appellant) kien rega’ baghat ghalih ghax ried jara l-istqarrija. Ix-xhud qal li Abdilla ssuggerielu li jaghmlu stqarrija ohra falza sabiex ikun jista’ juriha lil Camilleri, u li ma setax ma jiltaqax ma’ Camilleri ghax kien aktar jissuspetta li Abdilla kien ghamel stqarrija kontra tieghu u Abdilla jkun aktar fil-periklu. Is-Supt Godfrey Scicluna xehed (fol. 357 – 366) illi fit-22 ta’ Gunju 1998 kien rega’ mar l-ufficcju u talbu kopja ta’ l-i*statement* li kien ghamel fis-16 ta’ Gunju ghax ried jurieh lil Leli l-Bully ghax xeba’ f’dik il-hajja u ried ibidel hajtu; nizzel notament fid-djarju tieghu li kien jghid “if something happens to me, mat-Tinnu, the police would know that is Leli Bully behind it.”

mieghek. Ahseb u ara kemm ghidt li inti tajtni l-bomba biex naghmilha u drogi.” Qal li Leli qabad u tah hamsin lira. Semma’ li kien hemm tnejn xhieda ma’ Leli dakinhar. Il-laqgha ma’ Leli saret wara li kien iltaqa’ ma’ certu Sammy [Ritchie] li saqsieh jekk kienx ghamel *statement* lil Leli (jigifieri *statement* kontra l-appellant), Abdilla wiegbu li le, Sammy cempel lil Leli, Abdilla kellmu u ftehmu ha jiltaqghu. Meta ltaqghu, Abdilla jghid li cahad li kien ghamel *statement* kontra Leli: “Ghax li kieku ghidtlu ghamiltlek *statement* jiena naf kien jaqbad itini. Jew jispara ghalija. B’mod tal-kelma qed nghidu.” Skond Abdilla, kien jaf li kien ghamel hazin minn dakinhar li kien ghamel l-i*statement* izda kien minghalih li kemm jghid l-i*statement* biss. Imbaghad qal li rrejalizza xi jumejn wara. Qal ukoll li meta tela’ jixhed fl-20 ta’ Awissu ma kienx jaf x’qieghed jaghmel ghax kien bela’ xi vazett pilloli. Cahad li kien qal lill-Pulizija li lest li jixhed jekk jipprotegguh izda qal li saqsa jekk jistax izomm arma fuqu ghall-protezzjoni tieghu nnifsu. In kontroezami rega’ kkonferma li lil Leli Camilleri kellmu biss dakinhar li tah il-hamsin lira u l-verita` kienet dak li kien qieghed jixhed dakinhar tas-26 ta’ Awissu 1998. Hawn irid jinghad illi l-inkontru ma’ l-appellant u zewg persuni ohra jidher li verament sehh u gie rrekordjat minn xi hadd minn dawk iz-zewg persuni – skond l-appellant minn Sammy Ritchie u *ad insaputa* ta’ l-istess appellant. Difatti fl-atti hemm it-traskrizzjoni tad-diskors li ntqal.[13] Din il-Qorti ezaminat din it-traskrizzjoni u minnha jidher car illi Marco Abdilla kien qieghed jipprova jipperswadi lill-appellant li ma kienx ghamel *statement* kontra tieghu. Sahansitra qallu lill-appellant li kien se jgiblu l-i*statement*. Ovvjament dan kien biss *bluff* ghax kien jaf li l-i*statement* li kien ghamel kien kontra l-appellant.[14]

**16.** Fis-26 ta’ April 1999 Marco Abdilla gie riprodott biex jixhed. Huwa qal li xi tlett ijiem wara li kien hareg mill-habs ghall-habta ta’ Settembru [1998] kien mar l-Imqabba peress illi “s-Sammy” kien mar ghand ommu u qallha biex tghidlu li jekk irid xi flus “lest li jaghtih” u anke meta kien il-

---

[13] Fol. 285 – 287 ta’ l-atti tal-Qorti Kriminali.
[14] Ara wkoll *infra* paragrafu 17.

habs bdew jibaghtulu risposti mid-Division Six li “[Leli] lest li jaghtih il-flus biex indawwar l-istatement.” Ir-risposti fil-habs beda jwassalhom certu Leli Tabone. Meta hareg mill-habs huwa mar id-dar ta’ missier l-appellant u kien hemm Ganni, hu l-appellant, u kellmu. Saqsieh kienx qallu xi haga l-appellant ghal xi flus, dak wiegeb li ma kien qallu xejn izda jsaqsieh meta jkollu l-vizta. Meta Abdilla tela’ jiltaqa’ ma’ Ganni, dan waqaf hdejn il-Bank l-Imqabba. Hemm qallu li huh m’ghandux flus u “taf li m’ghamillek xejn.” Mistoqsi ghaliex (Abdilla) ried il-flus, wiegeb li biex ma jixhidx fil-kaz. “Li ghidt vwoldieri, fl-ewwel xiehda li ghidt. Qed tifhem, ilhaqt ghamiltha”[15] (referenza din ghax-xiehda li kien ta fis-26 ta’ Awissu 1998). Hawn irid jinghad illi dan l-inkontru jidher li gie registrat fuq *cctv cameras* tal-Bank of Valletta u r-*recording* gie progettat  waqt il-guri. Naturalment mir-*recording* jista’ jirrizulta biss li sar dan l-inkontru u mhux x’seta’ ntqal waqt tali inkontru. Waqt il-guri l-appellant xehed li huh Ganni kien iltaqa’ ma’ Marco Abdilla hdejn il-Bank biex ikun hemm prova illi dan Marco Abdilla kien qieghed imur l-Imqabba. Dan, skond l-appellant, ghax Marco Abdilla kien qieghed imur ihabbat ghand il-familja tieghu ghall-flus u werwer lil missieru u ommu.[16] Skond l-appellant, Marco Abdilla deher li ried il-flus ghax Charlie l-Pips kien weghdu xi flus u ma tahomlux. L-appellant mar jaghmel rapport l-ghassa Rahal Gdid fuq Marco Abdilla u anke missieru u ommu u huh Ganni. Fil-fatt gew esebiti kopji ta’ dawn l-okkorrenzi. Skond wahda mill-okkorrenzi datata 18 ta’ Novembru 1998, l-appellant irrapporta li hu u l-familja tieghu kienu qed jigu mhedda minn Mark Abdilla. Skond okkorrenza datata 25 ta’ Novembru 1998, l-appellant irrapporta li l-gurnata ta’ qabel certu Ivan Fenech, prigunier li kien l-Isptar Monte Carmeli, qallu li Mark Abdilla avvicina lilu u lil Sandro Mifsud u qallhom li biex jevitaw proceduri kriminali kellhom jaghmlu *statement* kontra l-appellant. La Ivan Fenech u lanqas membri tal-familja ta’ l-appellant ma gew prodotti bhala xhieda waqt il-guri. Barra minn hekk meta xehed Sandro Mifsud, ma qal u ma gie mistoqsi xejn dwar jekk Mark (Marco) Abdilla kienx qallu xi diskors simili.

---

[15] Fol. 745 ta’ l-atti tal-kumpilazzjoni.
[16] Fil-fatt meta mar jitlob il-flus, huwa kien diga` biddel il-verzjoni originali tieghu.

**17.** Fl-istess xiehda tieghu tas-26 ta’ April 1999, Marco Abdilla qal li dak li kien diga’ xehed quddiem il-Qorti Istruttorja kienet verzjoni hazina. “Ghax dik bzajt li jiena jaghmluli xi haga lill-familja tieghi.” Qal li dak li kien xehed mhuwiex minnu, hu kollu gideb, u jkun lest li jerga’ jixhed fuq dak li qal fl-i*statement* u lill-Magistrat Inkwirenti wara li jinqatghulu xi kawzi li kellu pendenti. Rigward l-okkazjoni meta gie rrekordjat minn Sammy Ritchie, Marco Abdilla sostna illi l-appellant kien qabbadlu *revolver* ma’ rasu biex jghid li ma jafux u li qatt ma kellu x’jaqsam ma’ l-appellant. Kif diga` gie osservat *supra*[17], l-unika konkluzjoni li tista’ tingibed mid-diskursata hi li Marco Abdilla kien qieghed jipprova jipperswadi lill-appellant li ma kienx ghamel *statement* kontra tieghu. Jekk verament kellu *revolver* ma’ mohhu jfisser li gie sfurzat jghid dak li qal u kellu ragun jibza’. Jekk ma kellux litteralment *revolver* ma’ mohhu, ic-cirkostanzi setghu xorta wahda jirrapprezentaw periklu ghall-inkolumita` ta’ Abdilla kieku ammetta li kien ghamel *statement* kontra l-appellant. Barra minn hekk din il-Qorti ghandha suspett li Abdilla kien jaf li kien qieghed jigi rrekordjat minn kif tibda d-diskursata: A (l-appellant): X’gara Mark? B (Marco Abdilla): Nibda l-istorja. Dak kont il-habs jiena ...” Fl-ahhar mill-ahhar din il-Qorti tara li dan l-inkontru seta’ kien mezz ta’ kif Marco Abdilla jigi disswaz milli jixhed kontra l-appellant.

**18.** L-ahhar xiehda ta’ rilevanza ta’ Marco Abdilla hija dik ta’ l-14 ta’ Dicembru 1999.[18] Hawn effettivament irriverta ghall-verzjoni originali tieghu li kien ta lill-Pulizija u li kkonferma quddiem il-Magistrat Inkwirenti fis-16 ta’ Gunju 1998.

**19.** L-appellant jikkontesta dak li jghid Marco Abdilla dwaru billi jghid illi l-ewwel darba li ltaqa’ ma’ Marco Abdilla kien tliet gimghat qabel ma tressaq il-Qorti, f’liema okkazjoni kien akkumpanjat minn Sammy Ritchie u Charles Ellul meta Sammy Ritchie, skond l-appellant *ad insaputa* tieghu, irrekordja d-diskursata li kellhom. Skond

[17] Ara paragrafu 15.
[18] Fol. 807 – 817 ta’ l-atti tal-kumpilazzjoni.

l-appellant, sema’ b’Marco Abdilla meta kien mar xi hadd fuqu jghidlu li Abdilla kien ghamillu *statement*. Qal li darba kien ghaddej ma’ Charles Ellul u cempillu Sammy Ritchie jghidlu biex jinzel hdejn il-hanut ta’ huh ghax kien hemm Abdilla mieghu. Iltaqghu u saret id-diskursata li diga` saret referenza ghaliha *supra*[19]. Qal li Marco Abdilla kkonvincieh, imbaghad talbu jisilfu Lm50 u peress li ma kellux flus fuqu, tah xi haga Charles Ellul. Skond l-appellant, sa dak iz-zmien lanqas kien jaf li Abdilla kien safa milqut b’senter. Meta l-appellant gie akkuzat bl-isparatura fuq Abdilla, l-appellant jghid li l-avukat tieghu saqsieh jekk sparax lil xi hadd u hu wiegbu “Ma nafx.” Jghid li baqa’ mbellah. Sostna li l-istorja li qal Marco Abdilla hi storja vvintata.

**20.** Paul Spagnol kien wiehed mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni, ghalkemm fl-Istruttorja jirrizulta li kien gie prodott mid-difiza fl-14 ta’ Dicembru 1998. Proprju ghall-ewwel mistoqsija qal li kien jaghmilha ma’ Marco (Abdilla) u dan Marco Abdilla kien qallu li ghamel din il-bicca xoghol biex johrog mill-habs. Imbaghad spjega li kien habib ta’ Marco Abdilla u li lill-appellant sar jafu l-habs. Skond Spagnol, Marco Abdilla kien qallu li kien ivvinta fuq bniedem biex jghatti l-bicca tax-xoghol tieghu. Mistoqsi jekk jiftakarx li kien diga` xehed il-Qorti (quddiem il-Qorti Istruttorja), wiegeb li ma jiftakarx x’kien xehed u li dak iz-zmien “kelli xeba’ tahwid go mohhi, u lanqas jien stess ma kont naf x’inhu jigri ezatt.” Pero` meta l-prosekutur qralu siltiet mix-xiehda li kien ta fil-Qorti Istruttorja fl-14 ta’ Dicembru 1998, huwa sostna li Marco Abdilla kien qallu li rnexxielu johrog bi plegg billi tefa kollox fuq Leli l-Bully – li d-droga tahielu Leli, li sparalu Leli u li l-bomba ghamilha Leli. Paul Spagnol qal li hu (Spagnol) “pappagall, ghax jekk Marco gideb mieghi, jien qed nigdeb. Jekk qal il-verita` mieghi jien qed nghid il-verita`.” Qal li wara Marco kien stqarr mieghu li kien zbalja li ghamel hekk lil Leli. Qal li darba Marco kien anke qal lilu (lil Spagnol, li kien ukoll inqabad bid-droga) biex imur jaghmel *statement* lil Leli; izda Spagnol oggezzjona ghax ma kienx jafu lil Leli. Qal li Marco mhux lilu biss kien qal biex jaghmel *statement*

---

[19] Paragrafi 15 u 17.

kontra Leli. Fl-Istruttorja Paul Spagnol rega' xehed fis-26 ta' April 1999 izda ma saret l-ebda referenza ghal dik ix-xiehda waqt il-guri ta' l-appellant. Din il-Qorti tosserva illi, dak li Marco Abdilla seta' qal lil Paul Spagnol dwar x'seta' ghamel jew m'ghamilx l-appellant, huwa biss *hearsay*.

**21.** Fl-istadju tad-difiza nqrat ix-xiehda ta' Martin Debono li kien xehed fl-Istruttorja fl-14 ta' Dicembru 1998. Dan qal li darba ltaqa' mieghu Marco Abdilla fejn l-infermerija tal-habs u dan Abdilla talbu jwassal risposta lill-appellant li jekk ma jaghtihx somma flus ha jaghmillu *statement* u jtella' 'l ommu tixhed ukoll. Qal ukoll li darba mar id-dar ta' Abdilla flimkien ma' xi hadd jghidulu "ix-Xiber", u dan fuq talba ta Abdilla stess ghax qallu li kellu senter isserrat u riedu jnehhieh minn hemm. Skond dan ix-xhud hekk ghamlu u fethitilhom omm Marco Abdilla stess li ghenithom jerfghu l-bank tal-kcina. Din il-Qorti, b'digriet tal-11 ta' Frar 2010, laqghet it-talba li kien ghamel id-difensur ta' l-appellant sabiex tigi prodotta Catherine Abdilla, omm Marco Abdilla. Meta xehdet quddiem din il-Qorti fl-istess gurnata tal-11 ta' Frar 2010, giet mistoqsija mill-Qorti jekk kienx mar xi hadd, inkluz l-imsemmi Martin Debono, biex jeleva senter mir-residenza taghha u, senjatament, minn taht il-bank tal-kcina. Catherine Abdilla cahdet kategorikament li sehh dan. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ix-xiehda ta' Catherine Abdilla xxejjen il-kredibilita` tax-xhud Martin Debono.

**22.** Huwa minnu illi z-zewg xhieda principali tal-prosekuzzjoni taw verzjonijiet kontrastanti. Pero` fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti, hi tal-fehma li l-gurati setghu ragjonevolment u legalment jikkonkludu li l-appellant kien hati ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza. Setghu jemmnu li l-verzjonijiet originali li taw Sandro Mifsud u Marco Abdilla (u fil-kaz ta' Marco Abdilla bix-xiehda tieghu ta' l-14 ta' Dicembru 1999 sahansitra kkonferma l-verzjoni originali tieghu) kienu l-verzjonijiet veritjeri. Fil-fatt huwa ben maghruf illi, specjalment fil-kamp tat-traffikar tad-droga, min jakkwista d-droga ikun solitament ezitanti jew bezghan li jikxef is-sors tieghu, aktar u aktar meta jkun qieghed jixhed quddiem il-persuna li qabel ikun xehed dwaru (mhux fil-presenza tieghu)

bhala s-sors. Barra minn hekk hemm xi provi indizjarji li jsahhu l-verzjonijiet originali ta' dawn iz-zewg xhieda: il-fatt li kemm Sandro Mifsud u Marco Abdilla qalu li kienu jakkwistaw eroina u kokaina minghand Leli l-Bully; il-fatt li Marco Abdilla semma' li Leli l-Bully kellu Pajero (u fil-fatt irrizulta li verament l-appellant kellu Pajero) u rrizulta mix-xiehda ta' Norman Mayo[20] (wiehed mix-xhieda principali tal-prosekuzzjoni in konnesjoni mat-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza) li kien xtara l-kokaina darba minghand wiehed li qalulu li jismu Leli u jghidulu l-Bully u li kien gie b'Pajero griz metallic[21]; is-sejbien ta' htija ta' l-appellant dwar it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza (traffikar ta' kokaina – u kemm Sandro Mifsud u Marco Abdilla wkoll qalu li kienu xtraw minghand "Leli l-Bully") juri li l-appellant kien intimament involut fit-traffikar tad-droga. Ghalhekk l-gurati setghu ragjonevolment u legalment jikkonkludu li l-appellant kien hati ta' l-Ewwel Kap.

**23.** Nigu issa ghat-Tielet u r-Raba' Kapi ta' l-Att ta' Akkuza fejn l-appellant isostni illi hawn ukoll gie misjub hati hazin fuq il-fatti.  Hawn ix-xhieda principali tal-prosekuzzjoni kienu Charles Steven Muscat maghruf bhala "Il-Pips" u l-imsemmi Marco Abdilla. Dwar ir-rapporti ta' l-esperti, l-appellant jikkummenta illi kollha rrizultaw fin-negattiv. Din il-Qorti pero` tosserva illi provi negattivi ma jeskludux awtomatikament il-provi l-ohra.

**24.** L-appellant (fir-rikors ta' appell tieghu) jirreferi ghall-qtil duplici li sehh fil-Mosta f'Settembru 1994, erba' xhur wara l-ispluzjoni in kwistjoni. Dwar il-qtil kien gie arrestat l-imsemmi Charles Steven Muscat[22]. L-appellant stess jirreferi ghax-xiehda li dan Muscat ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-23 ta' Settembru 1994, fejn kien qal li l-appellant Camilleri kien qallu li kien ghamel il-bomba mar-residenza ta' l-Ispettur Michael Cassar.[23] Jghid li minnufih

---

[20] Fol. 114 – 139 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

[21] Fix-xiehda tieghu fl-Istruttorja l-ewwel qal li l-imputat jaghti lemha lil dik il-persuna li xtara minghandha izda meta d-difiza qalet "Inti m'kintix zgur li kien hu", wiegeb "Le hu kien."

[22] Ara **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat** deciz minn din il-Qorti fit-8 ta' Gunju 2006.

[23] L-appellant jiccita dan il-bran: "Leli qalli li l-bomba li ghamlu lill-Ispettur Cassar ghamilha hu. Il-bomba hadimha hu stess. Jiena sirt naf fuq l-affari tal-bomba gahx darba

sar *raid* mill-Pulizija fir-residenza ta' l-appellant fejn irrizulta kollox fin-negattiv u ma nstab xejn li b'xi mod direttament jew indirettament torbtu mal-bomba jew ma' xi droga.[24] L-appellant, imbaghad, irrefera ghal xiehda sussegwenti fejn dan Muscat qal li mhux l-appellant kien qallu izda kien sema' ghajdut, u kien semma' lill-appellant ghal dawn ir-ragunijiet: haseb li l-appellant kien qieghed jittantalu l-mara; kellu jaghti Lm2000 lill-appellant li qatt ma qabbdu bicca xoghol; u (raguni li ta waqt il-guri ta' l-appellant) haseb li l-appellant kien kixfu li kellu tfajla ohra. Skond l-appellant, dwar Marco Abdilla, Charles Muscat jghid li jafu l-habs. "Illi essenzjalment", jghid l-appellant, "iz-zewg verzjonijiet ta' Charles Muscat dwar il-kwistjoni tal-bomba huma li, f'wahda jghid li Emanuel Camilleri qallu li ghamilha hu waqt li fit-tieni verzjoni qal li ma kienx qallu Emanuel Camilleri izda persuna ohra u l-ghajdut kien li ghamilha Emanuel Camilleri. Haga li qatt ma biddel fil-verzjoniiet kollha tul dawn l-ahhar ghaxar snin hi li huwa kellu certu odju ghal Emanuel Camilleri. Issa kemm huwa verosimili li persuna taghmel bomba hi u tmur tghid b'dan lill-persuna li tobghod, wiehed ihalli l-istess ipotesi ghad-diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti." Din il-Qorti tinnota li dak li ma jghidx l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, hu li vendikazzjoni tista' ssir kemm billi tivvinta fuq persuna kif ukoll billi tikxef xi haga li qabel ma tkunx kxiftu dwarha ma' l-awtoritajiet. Meta Muscat xehed fit-23 ta' Settembru 1994 quddiem il-Magistrat Inkwirenti jista' jinghad[25] illi *he spilled the beans* ghax haseb li l-appellant kien qabbad lil Leli t-Tazz biex jisparalu. F'dik ix-xiehda huwa qal b'mod specifiku li kien l-appellant li kien qallu li ghamel il-bomba lill-Ispettur Cassar u li kien anke hadimha hu. Spjega c-cirkostanzi li fihom jghid li l-appellant qallu li kien ghamel il-bomba u sahansitra fejn kienu qeghdin meta qallu.

---

kont qieghed nitkellem ma' Leli u ghidtlu xi haga jien u biha kien mahruq u qalli. Hu qal illi l-bomba ghamilha gahx l-Ispettur Michael Cassar qabad u ressaq il-Qorti lil Michael Micallef 'it-Tikka'. Leli tal-Imqabba ghamilha l-bomba. Jiena ma gharraftx lill-Pulizija ghax bzajt li jista' jaghmel bomba lili. Leli ggieled minn mat-Tikka wara li ghamel il-bomba. Meta tkellimna fuq il-bomba konna gol-karozza tieghi, go triq li taghti miz-Zurrieq ghall-Imqabba. Li gara kien li Michael qalli xi haga lili fuq Leli u jien kont irrabjat u ghidtlu lil Leli. Michael kien dejjem jigri ma' Leli u mbaghad iggieled mieghu u Michael baqa' jigri barra."

[24] Ir-*raid* sar erba' xhur wara l-ispluzjoni mad-dar ta' l-Ispettur Cassar (ara xiehda ta' l-Ispettur Joseph Valletta a fol. 367 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni).

[25] Ara art. 549(4) u 646(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Charles Muscat fix-xiehda tieghu waqt il-guri ta' l-appellant Camilleri pprova jdahhal id-dubju dwar dak li qal (cioe` Muscat stess) fix-xiehda quddiem il-Magistrat Inkwirenti billi jghid illi ma kienx f'siktu u li ma jiftakarx li qal dak il-kliem, izda fuq sensiela ta' mistoqsijiet ta' l-Imhallef sedenti, qal li “99.9 ghidtu jiena”. Mistoqsi mill-prosekutur jekk hix il-verita` qal: “Le mhux ha nghid li hu l-verita`, mela jien naf.” U, mistoqsi jekk ivvintahx, qal “Stajt ghidtu jiena ghidtlek, stajt ghidtu jiena.” Meta, waqt il-kontro-ezami, saritlu referenza ghal dak li kien qal fl-Istruttorja maghmul fil-konfront ta' Camilleri “Kieku kien Leli, kont niftakar li qalli Leli, ghalhekk qed nghidlek li mhux Leli”, qal li ma jiftakarx li qal dak id-diskors izda jaf li ma qallux hu. Din il-Qorti tosserva wkoll illu huwa interessanti dak li jghid Charles Muscat rigward Marco Abdilla in kontro-ezami. Jichad li kien hu li ntroduca lil Abdilla ma' l-appellant. Jghid illi qatt ma ra lil Abdilla ma' l-appellant. Mistoqsi jekk qatt iltaqa' ma' Marco Abdilla wahdu qal “Le qatt l-anqas. Ghax jiena ma nafux dan.” Jghid li f'Settembru 1995 ma setax jiltaqa' ma' Marco Abdilla l-habs ghax hu (Muscat) kien mizmum id-Depot flok il-habs. L-implikazzjoni ta' dan li qieghed jghid l-appellant hu li ma kien hemm l-ebda okkazjoni li ltaqa' ma' Abdilla l-habs, u allura ma kienx possibbli li jinholoq pjan ma' Abdilla kontra l-appellant. Raguni ohra din biex ma titqiesx veritjera x-xiehda li ta Abdilla fis-26 ta' Awissu 1998 fejn allega li kien implika lill-appellant ghax “imgieghel” minn Charles Muscat.

**25.** Dwar Marco Abdilla, l-appellant jirreferi ghad-diversi drabi li dan ta verzjoni jew ohra. Jirreferi ghall-i*statement* tas-16 ta' Gunju 1998 fejn ammetta li kien jaf lil Charles Steven Muscat u ta r-retroxena ta' kif sar jaf lill-appellant. Fix-xiehda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-istess gurnata rrepeta kwazi kollox li kien qal fl-i*statement*. Fil-kumpilazzjoni fl-20 ta' Awissu 1998 beda jevadi domandi li kienu qeghdin isirulu b'referenza ghal dak li kien stqarr. Fis-26 ta' Awissu 1998 rega' ttella' quddiem il-Qorti Istruttorja fejn qal li ma kienx jaf lill-appellant izda lil Charles Muscat u jaghti verzjoni kompletament differenti li fiha “jindem li hu u Charles Muscat holqu komplott kontra l-appellant.” F'dik id-deposizzjoni Marco Abdilla baqa'

jsostni li kien Charles Muscat li dahhlu fil-kobba. Fis-26 ta' April 1999 rega' xehed dwar il-mawra tieghu fl-Imqabba u ltaqa' ma' familjari ta' l-appellant allegatament biex jitlobhom xi flus. Fl-14 ta' Dicembu 1999 Marco Abdilla rega' biddel il-verzjoni tieghu u rega' mplika lill-appellant.

**26.** L-appellant jirreferi ghad-deskrizzjoni li Marco Abdilla ta tal-bomba u jikkummenta illi huwa maghruf pubblikament li anke fil-gazzetti lokali (u Marco Abdilla jixhed li jaqra l-gazzetti) l-bomba giet deskritta bhala *"pipe-bomb"*. Jghid illi Marco Abdilla juza l-kelma *"pipe-bomb"*. Din il-Qorti ezaminat l-is*tatement* u x-xiehda ta' Marco Abdilla u mkien ma sabet l-uzu tal-kelma *"pipe-bomb"* minn Marco Abdilla. Fl-*istatement* jiddeskriviha bhala bicca kanna tal-hadid maghluqa u li kellha micca hierga minn gol-kanna; il-micca kienet twila madwar zewg piedi u l-kanna madwar ghaxar pulzieri. Meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti qal hekk: "Il-bomba li wrieni kienet kanna daqs ghaxar pulzieri twila, wisa' ta' l-erbgha jew tat-tliet pulzieri. Kellha micca madwar zewg piedi. Kienet micca tat-temp. Dan qalli hu stess peress li kien qalli li tiehu bil-mod biex tilhaq tahrab u ma tweggax." Meta xehed fl-14 ta' Dicembru 1999 irrefera ghall-bomba semplicement bhala bil-micca, kanna ta' erba' pulzieri.

**27.** L-appellant jghid li Marco Abdilla qal li kien l-appellant li urieh il-bomba. Jghid din l-allegazzjoni mhix wahda kredibbli ghal dawn ir-ragunijiet: "(a) kemm hu verosimili illi l-appellant sejjer joqghod idur b'karozza li fiha jkun qed igorr bomba (bir-riskji kollha li din tista' ggib maghha); (b) u joqghod juri l-istess bomba lill-persuna li qieghda tallega li ma riditx ikollha x'taqsam maghha? U allura, (c) kemm hu verosimili li l-persuna li tirrifjuta li jkollha x'taqsam ma' bomba toqghod tohrog mill-post fejn allegatament kienet qed tixrob u tmur tara l-imsemmija bomba?" Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan li qed jghid l-appellant ghandu valur argumentattiv. Mill-banda l-ohra, persuna li hi midhla ta' l-isplussiv mhix se tiddejjaq iddur b'dak it-tip ta' bomba biex tilhaq l-iskop taghha li ssib persuna "idoneja" biex tqieghed il-bomba minflokha. Mhuwiex l-anqas inverosimili li, jekk verament Marco Abdilla hareg minn fejn kien qieghed jixrob biex jara l-bomba, ghamel hekk ghax kien

qieghed itella' u jnizzel jaccettax; dan fid-dawl tal-fatt illi hu kellu l-vizzju tad-droga u, dejjem skond kif qal Marco Abdilla, kellu offerta ta' mitejn gramma eroina biex iqieghed il-bomba hu.

**28.** L-appellant jghid li Marco Abdilla huwa tip ta' persuna li ma jahsibhiex darbtejn biex lill-Pulizija jaghtihom lixka biex jizgwidahom mill-verita`. Isemmi bhala l-aktar ezempju car, il-kaz ta' meta safa ferut b'tir ta' senter. Allega li kien ittiehed minn Paceville lejn l-inhawi ta' l-Iklin/Swieqi fejn qal li sparawlu meta l-kaz lanqas kien sehh f'dawk in-nahat. In effetti l-kaz kien sehh fir-residenza tieghu l-Gzira u, skond l-akbar habib tieghu, Paul Spagnol, qal li kien hadlu s-senter tieghu stess waqt li kien qed jiehu l-kokaina. L-appellant jirreferi wkoll ghal dak li xehed Martin Debono fis-sens li Abdilla kien baghtu d-dar tieghu fil-Gzira biex inehhi s-senter. Ghalhekk, l-appellant jghid illi wiehed ma jistax jeskludi li Marco Abdilla, fejn ghandha x'taqsam il-bomba, ghamel l-istess bhall-kwistjoni ta' l-isparatura u zvija lill-Pulizija biex wahhal fl-appellant. In effetti jirrizulta lil din il-Qorti illi meta s-Supt. Bartholomeo Mula kellem lil Marco Abdilla l-Isptar, dan qallu li kien iltaqa' ma' tnejn min-nies Paceville li talbuh imur maghhom, haduh f'post is-Swieqi u sparawlu; u li dan kien in konnessjoni ma' xi dejn li kellu ta' bejn tletin u erbghin elf lira. Is-Supt. Mula qal[26] li Marco Abdilla ma riedx isemmi min kienet il-persuna ghax kienet persuna perikoluza. L-Ispettur Noel Cutajar[27] kien prezenti u kkorrobora dak li xehed is-Supt. Mula. Zied jghid li l-ghada dahlitilhom informazzjoni li l-isparatura kienet sehhet fr-residenza ta' omm Marco Abdilla. Accedew fil-post fejn kien hemm omm Marco Abdilla qed tnaddaf u tghajjat minhabba li sabet tracci ta' dmija u xi comb ma' l-art. Ghalhekk regghu marru jkellmu lil Marco Abdilla l-Isptar li ammetta li l-isparatura kienet sehhet fir-residenza ta' ommu u ma kienx qal hekk ghax beza' li setghu jehdulha l-post minhabba f'hekk. Baqa' jinsisti pero` li ma jsemmix isem il-persuna li kienet sparatlu ghax kien jibza'

---

[26] Fol. 367 – 372 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.
[27] Fol. 384 – 395 *ibidem*.

minnha. Fil-fatt Marco Abdilla xehed quddiem l-A.I.C. Richard Aquilina[28] f'inkjesta magisterjali li saret dwar din l-isparatura. Huwa qal li kien Paceville, kien sejjer biex jaqbad taxi, ghaddew zewgt ihbieb u wiehed ghajjatlu. Dan beda jghajjat u jargumenta mieghu dwar xi flus li Abdilla kellu jtih. Abdilla qallu biex imorru x'imkien jitkellmu bil-kwiet u marru d-dar tieghu. Fit-triq baqghu jargumentaw dwar il-flus. Meta dahlu, qaghdu bilqieghda u baqghu jitkellmu u jargumentaw. Certu hin, wiehed minnhom hareg biex igib is-sigaretti u tela' b'senter f'idejh u mar ghal fuq Abdilla jheddu li jekk ma jtihx il-flus joqtlu. Abdilla jghid li qam, l-iehor mar ghal fuqu, gibed tir u laqtu fil-pexxun ta' riglejh tal-lemin. Jigifieri jekk Marco Abdilla pprova "jizgwida lill-Pulizija mill-verita`" jidher li kien ghamel hekk f'dawk li kien qieghed jahseb kienu l-interessi ta' ommu, ghax meta konfrontat bir-rizultanzi, huwa xehed fid-dettall dwar dak li kien sehh.[29] L-unika haga li ma zvelax <u>dakinhar</u> kienet l-identita` ta' min sparalu. Dwar dak li qal Martin Debono din il-Qorti tirreferi ghal dak li diga` ntqal *supra*[30]. Barra minn hekk ma tistax ma tosservax din il-Qorti illi meta Marco Abdilla xehed fis-26 ta' Awissu 1998 u ghamel referenza ghall-isparatura, fl-ebda hin ma qal x'sar mis-senter wara l-isparatura u lanqas ma qal li kien talab lil xi hadd biex inehhihulu mid-dar. Cio` nonostante jidher li l-gurati taw lill-appellant il-beneficcju tad-dubju dwar il-Hames Kap u ma sabuhx hati tar-reat kontemplat f'dak il-Kap u li kien jikkoncerna l-isparatura fuq Marco Abdilla. Fid-dawl ta' dak li ntqal pero` din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tad-difensur[31] li, ghax l-appellant gie lliberat minn dak il-Kap, din il-Qorti ghandha tqis li *"falsus in uno falsus in omnibus"*.

**29.** L-appellant ikompli jaghmel is-segwenti sottomissjonijiet:

---

[28] Fol. 432 – 433 *ibidem*.

[29] Ghalkemm jirrizulta li inizjalment Marco Abdilla ghazel li ma jixhidx imbaghad bidel il-fehma u ghazel li jixhed (ara wkoll xiehda ta' l-A.I.C. Richard Aquilina tad-9 ta' Dicembru 1998).

[30] Paragrafu 21.

[31] Difensur differenti minn dawk li dehru ghalih fil-guri u li ntavolaw l-appell ghalih.

"Illi l-appellant jinnega bil-qawwa kollha li direttament jew indirettament kellu x'jaqsam mal-kwistjoni tal-bomba.[32]

"Illi li huwa fattwalment pruvat hu li madwar xahrejn qabel ma ghamel l-istatement originali f'Gunju 1998, Marco Abdilla kien detenut gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin f'Divizjoni VI, fejn kien hemm ukoll Charles Steven Muscat. Dan kollu jsahhah il-verzjoni, imressqa mill-istess Marco Abdilla, li l-kaz ma kien xejn hlief pjan viljakk, inizjat minn Charles Muscat bl-ghajnuna tal-bicca ghodda bl-isem ta' Marco Abdilla, biex finalment l-appellant jigi implikat u jispicca l-habs.

"Illi huwa minnu li huwa ferm difficli biex tasal ghal xi forma kredibbli dwar dak li jallega Marco Abdilla, izda l-appellant umilment jissottometti li Marco Abdilla kien jimxi bi strategija preciza, hafna aktar milli wiehed ghall-ewwel jimmagina. Dan jista' wiehed jasal ghalih jekk b'mod kronologiku jikkompara d-dati meta Marco Abdilla jixhed u jbiddel verzjonijet fil-kuntest tal-akkuzi varji li kellu.

"(i) **16 Gunju 1998**: waqt raid tal-Pulizija fir-residenza ta' omm Marco Abdilla, tinsab l-eroina, jigi arrestat u jittiehed l-Ghassa. Jingieb Magistrat jigguramenta l-bicca l-kbira tal-istqarrijiet u jithalla jmur id-dar. L-istqarrija hija mimlija akkuzi serjissimi.

"(ii) **17 Gunju 1998**: l-ghada Marco Abdilla jigi akkuzat bil-pussess ta' eroina u ta' kokaina. Il-prosekuzzjoni minkejja l-allegazzjonijiet fl-istatement tieghu fil-konfront tieghu stess, iwasslu ghal din l-akkuza semplici u Marco Abdilla jammetti minnufih.

"(iii) **20 Awissu 1998**: is-sentenza kontra Marco Abdilla tal-pussess ghada ma nghatatx u jirrifjuta li jixhed fil-kaz kontra Emanuel Camilleri.

---

[32] Fix-xiehda tieghu waqt il-guri l-appellant jichad li qatt kellem lil Charles Muscat fuq bomba ghax hu qatt ma ghamel bomba lin-nies.

“(iv) **26 Awissu 1998**: Marco Abdilla ghadu mdendel u jiddeciedi li jbiddel il-verzjoni kompletament fil-konfront ta’ Emanuel Camilleri u jezonerah.

“(v) **27 Awissu 1998**: l-ghada Marco Abdilla jircievi s-sentenza fuq il-kaz ta’ pussess u jigi kundannat Lm500 filwaqt li ma gewx in operat iz-zewg sentenzi sospizi 11 ta’ Dicembru 1997 u 2 ta’ Gunju 1998 u lanqas li hu recidiv bis-sentenzi sospizi 11 ta’ Dicembru 197 u 2 ta’ Gunju 1998 u lanqas li hu recidiv bis-sentenzi ndikati;

“(vi) **Bejn is-27 ta’ Awissu 1995** [*recte:* **1998**] **u 26 ta’ April 1999** il-kawzi pendenti kollha li kellu quddiem il-Qrati (u li ghalihom kien ghamel referenza fix-xiehda tieghu tas-26 ta’ Awissu 1998) bdew jinqatghu:

(i)(a) **17 ta’ Novembru 1998** - fuq pussess ta’ eroina, sewqan bla licenzja u assikurazzjoni, sewqan perikoluz, hsarat u offiza ta’ natura gravi per durata (xahrejn prigunerija jitnaqqas arrest, Lm300 multa, 18-il xahar sospensjoni, estensjoni tas-sentenza sospiza)

(b) **13 ta’ Jannar 1999** - sewqan traskurat bla licenzja, hbit u bla polza ta’ assigurazzjoni (Lm250 multa u sena sospensjoni)

(c) **26 ta’ Jannar 1999** – serq (tlett ijiem prigunerija)

(d) **8 ta’ Marzu 1999** – hsara (sec. 9 Kap. 152 ghal tliet snin)

(ii) **Fl-istess perijodu** beda jaghmel pressjoni fuq il-familjari tal-appellant bil-probabbli skop ta’ flus.

“(vii) **26 ta’ April 1999**: xahar u nofs wara li l-ahhar sentenza tieghu giet maqtugha rega’ tela’ jixhed fil-kumpilazzjoni kontra Emanuel Camilleri, ghamel allegazzjonijiet fil-konfront tal-appellant u beda jbiddel il-verzjoni u hekk kompla jaghmel fl-14 ta’ Dicembru 1999 meta rega’ tefa’ kollox fuq Emanuel Camilleri.

"Illi l-atteggjament ta' Marco Abdilla fil-konfront ta' Emanuel Camilleri kien is-suggett ta' xhud iehor Paul Spagnol li kien habib intimu ta' Marco Abdilla **"Kont qisni wiehed tal-familja."** Fuq il-pedana tax-xhieda stqarr li Marco Abdilla kien fetah qalbu mieghu u qallu li dak li kien allega fuq Emanuel Camilleri ma kienx minnu. Huwa minnu wkoll li Spagnol ghandu kondotta sostanzjali izda skond hu Marco Abdilla qallu **"Tfajt kollox fuq Leli l-Bully"**.

**30.** Dwar dawn is-sottomissjonijiet, din il-Qorti l-ewwelnett tirreferi ghall-osservazzjonijiet diga` maghmula meta kien qieghed jigi kkunsidrat l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza. Ghalhekk, ghalkemm Marco Abdilla seta' verament ghamel xi zmien il-habs fl-istess Divizjoni fejn kien Charles Muscat[33], ma jfissirx illi ghandha necessarjament tigi accettata s-sottomissjoni ta' l-appellant aktar mill-verzjoni originali ta' Marco Abdilla. Wara kollox anke Charles Muscat fil-verzjoni originali tieghu qal li kien l-appellant stess li qallu li ghamel il-bomba u wara dawwarha biex jghid li kien sema' ghajdut. Dwar l-istrategija li jallega li kellu Marco Abdilla, l-appellant kwazi jinsinwa li l-prosekuzzjoni kellha sehem f'dik l-istrategija. Jinghad l-ewwelnett illi l-unika akkuza li setghet tinghata mill-prosekuzzjoni kontra Marco Abdilla a bazi ta' l-i*statement* tieghu kienet dik ta' pussess ta' droga kontra l-ligi u l-piena li nghata kienet fil-parametri tal-ligi. L-istess jista' jinghad dwar il-pieni moghtija fil-kazijiet l-ohra kollha. Imbaghad jekk l-istrategija tieghu kienet li jibbenefika minn riduzzjonijet fil-piena minhabba l-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, peress illi d-diversi kawzi msemmija mill-

---

[33] Din il-Qorti tosserva illi ghalkemm mhuwiex eskluz li fl-1998 Marco Abdilla seta' ghamel xi zmien fl-istess Divizjoni fejn kien Charles Muscat, Marco Abdilla fl-i*statement* tieghu jirreferi ghal meta kien il-habs f'Settembru <u>1995</u> u kien hemm l-istess Charles Muscat, li saqsieh jekk l-appellant kienx tah 200 gramma biex jaghmel il-bomba. "Wegibtu 'Iva' u staqsejtu kif kien jaf li Leli offrieli mitejn gramma droga sabiex inpoggi l-bomba u Charlie qalli li kien qallu Leli stess." Dan rega' kkonfermah fix-xiehda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Charles Muscat, fix-xiehda tieghu waqt il-guri, qal li f'Settembru 1995 kien ghadu mizmum id-Depot u ghalhekk ma setax iltaqa' ma' Marco Abdilla l-habs. Ma ngab l-ebda dokumentazzjoni dwar il-perijodi li fihom Abdilla u Muscat kienu mizmumin il-habs fl-istess Divizjoni.

appellant kienu ghadhom ma nqatghux, din il-Qorti tistaqsi jekk kienx jaghmel sens ghal Abdilla li jbiddel il-verzjoni (kif ghamel fis-26 ta' Awissu 1998) qabel ma jinqatghu. Difatti dak li kemm-il darba jesperjenzaw il-Qrati taghna hu li, wara li persuna tkun ibbenefikat minn tnaqqis fil-piena, meta din tigi biex tixhed fi proceduri kontra min tkun qabel allegat xi haga, hija tbiddel il-verzjoni. Mhux hekk gara f'dan il-kaz. Il-fatt li fis-26 ta' Awissu 1998 Abdilla biddel il-verzjoni originali tieghu hu aktar indikattiv li dan kien dovut ghal raguni jew ragunijiet ohra.

**31.** L-appellant ikompli jaghmel dawn is-sottomissjonijiet:

"Illi f'dan il-kaz setghu nghataw aktar hjiel minn certu dokumenti li ma nghatawx l-importanza li kien jixirqilhom:

(a) il-marki tal-passi carissimi f'dik it-trejqa dejqa indikata mill-perit Aquilina;
(b) l-isem ta' "Bona" misjub fir-residenza ta' Marco Abdilla;
(c) il-passaport tal-appellant li kien elevat u li ma giex ricerkat b'mod analitiku u li juri timbru cari u relevanti ghal kaz u cioe` certu dati ta' hrug minn Malta u dhul f'Malta.

"Illi wiehed ukoll irid jirrileva bir-rispett illi l-appellant kien ghamel perijodu estensiv bara l-pajjiz (ara f'dan is-sens il-passaport relattiv esebit f'dawn l-atti); skematikament l-esponent jirreferi ghas-segwenti:

| Hrug u dhul (minn u go Malta) | data ittimbrata | pagna fil-passaport |
|---|---|---|
| Tluq minn Malta | 15.11.93 | pg 21 |
| Dhul go Malta | 11.03.94 | pg 23 |
| Tluq minn Malta | 29.04.94 | pg 23 |
| Dhul go Malta | 03.05.94 | pg 16 |

Tluq minn Malta 10.05.94
pg 26
Dahla fir-Renju Unit 14.05.94
pg 22
Tluq minn Malta 08.07.94
pg 22

"Illi minn dan jidher li l-esponent hareg minn Malta fl-10 ta' Mejju 1994, fl-14 ta' Mejju 1994 hemm timbru li jindika dhul fir-Renju Unit, izda jibqa' nieqes dak it-timbru li jindika d-dhul lura Malta wara dik id-data!

"Illi fid-dawl tas-suespost jigi mfakkar li l-bomba saret fit-23 ta' Mejju 1994 u ghalhekk l-allegat mottiv imsemmi minn Marco Abdilla (ir-raguni ghaliex l-appellant seta' ghamel il-bomba) ma jregix. In-nuqqas tal-esponent minn dawn il-gzejjer fil-perijodu *de quo* huwa evidenti, u dan il-fatt, imqabbel ma dak li jghid is-Sur Michael Cassar (li f'dak iz-zmien huwa solva madwar sebghin kaz), ikompli jezonera lill-esponent minn kull rabta mat-tqeghid tal-bomba.

…

"Illi huwa importanti li wiehed jinnota li ghat-tielet u r-raba' kapi l-evidenza migjuba hija ta' tliet persuni li ghamlu allegazzjonijiet fuq l-appellant <u>wara</u> li kull wiehed minnhom inqabad f'kazijiet partikolari ta' ksur tal-ligi;

"Illi l-unika konsistenza fix-xhieda prodotti kontra l-appellant hija t-tibdil ta' verzjonijet u allegazzjonijiet."

**32.** Dwar il-marki tal-passi u l-karta bl-isem "Bona" fuqha, il-fatt li ma sarux investigazzjonijiet ulterjuri ma jfissirx li ma kienx hemm provi ohrajn li fuqhom il-gurati setghu jaslu ghall-verdett taghhom. Dwar il-passaport din il-Qorti tosserva l-ewwelnett li ma kellhiex l-opportunita` tara l-passaport li ghalih qed jirreferi l-appellant peress illi l-passaport esebit[34] inhareg fl-1 ta' Awissu 1998. Izda anke jekk stess din il-Qorti tiehu dawk id-dati bhala korretti,

[34] A fol. 919 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

xorta ma jistax jinghad illi la m'hemmx data ta' dhul lura f'Malta wara li kien dahal fir-Renju Unit fl-14 ta' Mejju 1995 allura jfisser li ma kienx Malta meta tqieghdet il-bomba mar-residenza ta' l-Ispettur Cassar. Difatti meta l-appellant xehed waqt il-guri, fl-ebda mument ma jallega li ma kienx Malta f'dik il-gurnata.

**33.** Apparti l-osservazzjonijiet diga` maghmula, jirrizulta lil din il-Qorti mix-xiehda ta' l-istess appellant, illi huwa kellu konoxxenza tal-manifattura ta' splussivi. L-appellant stess jghid li kellu License B biex jghin fil-manifattura tal-loghob tan-nar fil-kamra tan-nar l-Imqabba. Mir-relazzjoni tal-Kurunell Albert Camilleri u dik ta' l-Ispizjar Mario Mifsud jidher illi l-isplussiv li ntuza fil-bomba kien *ammonium nitrate fuel oil* li jintuza Malta l-aktar fix-xoghol tal-barrieri. Jirrizulta wkoll li l-appellant kien jahdem f'barriera (ghalkemm hu jsostni li fil-barriera tieghu ma kienx juza splussiv ghax kienet tal-franka). Imbaghad dwar il-bomba, Marco Abdilla ddeskriviha bhala kanna tal-metall xi ghaxar pulzieri twila, wiesa' erba' jew tliet pulzieri u b'micca ta' xi zewg piedi. Fir-relazzjoni tieghu l-Kurunell Albert Camilleri qal li fl-opinjoni tieghu l-ordinju kien wiehed maghruf bhala *pipe-bomb* li kien jikkonsisti f'kontenitur tal-metall ta' madwar 6.5 centimetri (madwar zewg pulzieri u nofs) djametru u tul ta' bejn 12 u 15-il centimetru (bejn 4 2/3 u kwazi sitt pulzieri), madwar 0.3 kg materjal splussiv, *detonator*, *detonating cord*, tul ta' micca, bcejjec tal-metall ippakkjati mal-isplussiv. Ghalkemm hemm ftit diskrepanza fid-daqs tal-bomba bejn dak li ddeskriva Abdilla u dak li kkonkluda l-Kurunell Camilleri, wiehed irid jiftakar li Abdilla kien qieghed jixhed kwazi erba' snin wara li sehhet l-ispluzjoni.

**34.** Bhalma diga` ntqal[35], fis-seduta tal-11 ta' Frar 2010 din il-Qorti semghet ix-xiehda ta' Catherine Abdilla. Id-difiza kienet talbet li din ix-xhud tinstema' minhabba xi haga li allegatament qal Marco Abdilla *in articulo mortis*. Mix-xiehda ta' Catherine Abdilla jirrizulta li ftit qabel ma miet (xi sitt gimghat qabel), Marco Abdilla qallha li ma kienx l-appellant li sparalu. Effettivament mill-akkuza

35 *Supra* paragrafu 21.

relattiva (il-Hames Kap) l-appellant gie lliberat. Dwar il-kwistjoni tal-bomba, mix-xiehda ta' Catherine Abdilla jirrizulta li Marco Abdilla ma qal xejn fl-istess okkazjoni, izda darba – zmien qabel u meta Marco kien ghadu jiflah – kienu semghu xi haga fl-ahbarijiet u Marco kien qallha li zgur mhux Leli daqs kemm ghandu qalbu tajba. Tali dikjarazzjoni ma tistax tittiehed bhala dikjarazzjoni *in articulo mortis*. Barra minn hekk ix-xhud ma setghetx tispecifika <u>meta</u> binha qal hekk. Fil-fehma ta' din il-Qorti, imbaghad, jekk Marco Abdilla ried jistqarr ma' ommu "l-verita`" qabel ma miet, meta tkellem dwar l-isparatura kellu l-okkazjoni anke jistqarr maghha xi haga dwar il-bomba. Ghalhekk dak id-diskors li seta' "xi darba" qallha ma jikkapovolgix l-osservazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti fil-paragrafi precedenti.

**35.** Ghaldaqstant is-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati, minghajr ma semghu x-xiehda ta' Catherine Abdilla, setghu ma jemmnux il-verzjoni li l-appellant ta waqt il-guri ghax hemm cirkostanzi u provi li huma ugwalment kapaci li jitwemmnu u li l-gurati kienu perfettament intitolati – u din il-Qorti zzid tghid, anke wara li semghet ix-xiehda ta' Catherine Abdilla u ezaminat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-appellant fit-12 ta' Frar 2010 u n-nota responsiva ta' l-Avukat Generali pprezentata fil-15 ta' Frar 2010, gustifikati – li jemmnu. U bil-fatt li l-bomba tqieghdet wara l-bieb, kif jghid id-difensur ta' l-appellant *"in open air"*, ma jfissirx li ma jistax jissussisti t-tentattiv ta' omicidju volontarju taht ir-Raba' Kap. Il-mezz uzat kien kapaci mhux biss jaghmel hsara izda anke joqtol. Tqieghed ma' dar fejn kien hemm in-nies, fi triq fejn hemm djar ohra, u fi triq mnejn jghaddu n-nies. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant qieghed jigi michud.

**36.** It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena. Waqt sottomissjonijiet orali quddiem din il-Qorti, id-difensur ta' l-appellant issottometta illi ghandu jkun hemm konkors formali bejn l-Ewwel Kap u t-Tieni Kap. Huwa veru illi dawn iz-zewg Kapi jittrattaw il-ksur ta' l-istess disposizzjoni tal-ligi u jittrattaw l-istess perijodu ta' zmien, izda kull Kap jittratta medicina perikoluza differenti u, salv

fil-kaz ta’ Marco Abdilla, cirkostanzi differenti. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ din is-sottomissjoni.

**37.** Punt iehor li tqajjem fil-mori ta’ dan l-appell jirrigwarda pretensjoni ta’ l-appellant li, in kwantu jirrigwarda l-Ewwel Kap u t-Tieni Kap ghandu jigi applikat l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Huwa jghid illi fil-perijodu li kien arrestat in konnessjoni ma’ dan il-kaz, huwa rrifletta u ddecieda li jkun ta’ ghajnuna lis-socjeta` billi nforma lill-Pulizija bis-sors minn fejn kienet tigi d-droga. Jghid li l-Pulizija hadmet b’ezitu favorevoli u arrestat il-persuna li kienet tforni d-droga. Xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti u wara quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Il-persuna koncernata kienet certu Hasan Ben Salah li s-sentenza fil-konfront tieghu nghatat mill-Qorti Kriminali fis-16 ta’ Marzu 2009 wara li dan ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

**38.** L-artikolu 29 tal-Kap 101 jipprovdi testwalment:

**“Meta dwar persuna misjuba hatja ta’ reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas ….”**

Mela l-persuna koncernata trid tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna li tkun fornitilha d-droga. X’gara f’dan il-kaz? Fl-14 ta’ Dicembru 2006 xehed is-Supt. Neil Harrison quddiem din il-Qorti fejn ta rendikont ta’ kif il-Pulizija kienu diga` wasslu biex identifikaw lil Hasan Ben Salah bhala persuna involuta fit-traffikar tad-droga u kienu talbu l-assistenza tal-Pulizija Olandiza peress illi kien gie stabbilit li dan Salah, maghruf bhala “Kleiner”, kien Marokkin li kien ilu zmien twil jghix l-Olanda. Intalbet ukoll l-assistenza tal-Europol. Fl-20 ta’ Settembru 2005 il-Pulizija Olandiza nfurmat lis-Supt. Harrison li kien gie arrestat certu Paul Debattista flimkien ma’ zewg persuni ohra b’ammont sostanzjali ta’ flus. Irrizulta li wiehed mill-persuni l-ohra kien l-imsemmi Salah. Inhareg  European Arrest Warrant

b'referenza ghall-perijodu 4 ta' Gunju 2002 u s-seba' snin ta' qabel u fit-22 ta' Settembru 2005 baghtu l-inkartament l-Olanda. Xi sitt gimghat wara s-Supt. Harrison gie nfurmat mill-habs li l-appellant xtaq jaghtih xi informazzjoni. Baghat ghalih u l-informazzjoni li ta l-appellant kienet tirrigwarda proprju l-imsemmi Hasan Ben Salah, li kien maghruf bhala "Kleiner". Dakinhar stess l-appellant accetta li jixhed, u xehed, quddiem il-Magistrat ta' l-Ghassa fejn anke identifika l-persuna msemmija minn fuq ritratt. Is-Supt. Harrison kompla jghid li fix-xiehda tieghu l-appellant anke semma persuna Maltija li kienet ghadha ma tressqitx mill-Pulizija u li kienet involuta f'dak it-traffikar ta' droga. Meta Salah ngab Malta, l-appellant xehed, qal li kien ilu ghaxar snin ma jarah, jiftakru bniedem bix-xaghar u llum bla xaghar, imma mill-fattizzi tieghu jahseb li huwa hu. Fis-16 ta' April 2009, jigifieri wara li kienet giet deciza l-kawza kontra Hasan ben Salah, xehed ukoll quddiem din il-Qorti l-Ispettur Norbert Ciappara. Huwa qal li bix-xiehda ta' l-appellant issahhah il-kaz li kellhom kontra l-imsemmi Salah.

**39.** Minn dak li xehdu s-Supt. Neil Harrison u l-Ispettur Norbert Ciappara ma jirrizultax li Hasan Ben Salah "inqabad" bl-ghajnuna ta' l-appellant peress illi l-Pulizija kienu diga` jafu bih u sahansitra kien inhareg European Arrest Warrant biex dan jingab Malta. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-artikolu 29 tal-Kap. 101 mhuwiex applikabbli.

**40.** Din il-Qorti inoltre nnotat li l-ewwel Qorti kkunsidrat dak kollu li seta' jigi kkunsidrat dwar il-piena, u ghalhekk ma ssibx li hemm lok biex tiddisturba d-diskrezzjoni kif ezercitata mill-ewwel Qorti meta stabbilixxiet il-*quantum* tal-piena.

**41.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li l-perijodu ghall-hlas tal-multa u l-perijodu sabiex l-Avukat Generali jiddikjara b'nota jekk id-droga esebita hijiex mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri kriminali kontra terzi jibdew jiddekorru millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------